MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 337/2012

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt guramentat miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta’ Jannar 1977;

Semghet lir-rikorrenti AB jixhed bil-gurament tieghu;

Rat ukoll l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti CB;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-24 ta' Awissu 1995;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi l-obbligu tal-pagament tal-manteniment ghat-tfal u ghar-rikorrenti Nicolina Pace illum spicca;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------